MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Rikors Numru. 788/1997/1

Cathrine G. Dalmas
vs
Ufficjal Mediku ewlieni tal-Gvern, Onorevoli Ministru tas-Sahha, Chairman Public Service Commission

Illum 27 ta’ Jannar 2005

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors pprezentat mir-rikorrenti fil-31 ta’ Ottubru 1997 fejn wara li ppremettiet illi hija garrbet ingustizzja meta fil-1994 ma intaghzlitx ghall-post ta’ Manager Nursing Services u ghall-post ta’ Departmental Nursing Manager fid-Dipartiment tas-Sahha.

Illi hija ilha Registered Nurse fil-UK mill-1968 u lehqet Nurse f’Malta fil-1967. Kif juri il-Curriculum Vitae hawn anness u mmarkat Dok A, ir-rikorrenti tippossedi kwalifiki,

esperjenza, u hila fil-professjoni tan-Nursing li ma jinstabux f'dawk li ntghazlu fil-postijiet imsemmija.

Illi l-breakdown tal-marki moghtija lir-rikorrenti fl-interview ghall-postijiet imsemmija, juri l-irregolarita` u l-iskortezza tal-marki moghtija, u t-trattament ingust li r-rikorrenti irciviet fl-istess interview.

Illi in oltre, ix-xhieda li r-rikorrenti lesta li tipproduci, jistghu jikkonfutaw r-rizultat tal-istess interview.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet li t-Tribunal jinvestiga l-ilment imsemmi u jiddikjara li r-rikorrenti garrbet ingustizzja meta ma intghazlitx ghall-post ta' Manager Nursing Services u ghall-post ta' Departmental Nursing Manager fil-1994, u jiddikjara li r-rikorrenti ghandha tinghata il-hatra ghall-ewwel post imsemmi, u fin-nuqqas, li tinghata l-hatra ghat-tieni post imsemmi, b'li jigi iffissat ghad-danni kollha li hija sofriet mhabba l-ingustizzja li garrbet.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti tar-rikorrenti.

Ra r-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fejn wiegbet illi:

1. Illi, fil-konfront tal-Kummissjoni dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita` ta' dak kollu li ghamlet jew taghmel il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ezercizzju taghha u dan skond l-artiklu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta.

2. Illi, ma jirrizultax lill-Kummissjoni li r-rikorrenti, is-Sinjorina Cathrine G Dalmas qatt ghamlet xi petizzjoni lill-Prim Ministru kif setghet ghamlet taht il-klawsola 1.1.7. ta' l-estacode dwar il-hatriet li dwarhom hi qed tallega li ingustament inqabzet. Il-Kumissjoni qed tirrileva dan ghal fini ta' Artiklu 5 (3) (b) ta' l-Att VII ta' l-1977.

3. Illi minghajr pregudizzju jinghad li:-

3.1 ghas-sejha ghall-applikazzjonijiet ghal mili ta' postijiet ta' Manager Nursing Services fid-Divizjoni tas-Sahha li saret fl-10 t'Ottubru 1994, kienu applikaw wiehed u sittin kandidat li minnhom erbgha ma kienux eliggibli u wahda irtitat l-applikazzjoni taghha.

3.2 fl-ghazla li saret fuq kriterji approvati mill-Kummissjoni, ghaddew ghaxra li minnhom nhatru l-ewwel sebgha fl-order of merit.

3.3 ir-rikorrenti inghatat 24 marka minn total ta' 100.

3.4 ghas-sejha ghall-applikazzjonijiet ghal mili ta' postijiet fil-grad ta' Departmental Nursing Manager fid-Divizjoni tas-Sahha li saret fl-10 ta' Ottubru 1994, kienu applikaw mija u tmien kandidat li minnhom tlieta u ghoxrin ma kienux eliggibli u erbgha m'attendux ghall-interview.

3.5 fl-ghazla li saret fuq kriterji approvati mill-Kummissjoni, ghaddew sebgha u ghoxrin u gew appuntati l-ewwel dsatax fl-order of merit.

3.6 ir-rikorrenti inghatat 29 marka minn total ta' 100.

3.7 il-Kummissjoni kienet sodisfatta li fiz-zewg kazi l-proceduri u l-ghazla finali saru b'mod korrett.

Ra r-risposta tac-Chief Goverment Medical Officer u Ministru tas-Sahha fejn wiegbu illi:-

Illi huma ma humiex legittimi kontraditturi u ghalhekk gew mharrka inutilment stante illi l-proceduri minn meta tohrog is-sejha ghall-applikazzjonijiet sa meta jinhatru nies sabiex jimlew postijiet vakanti li ghalihom jkunu applikaw, huma proceduri tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u ghalhekk insindikabbli ai termini ta' l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi b’dan ir-rikors ir-rikorrenti qeghda titlob li tinghata l-pozizzjoni ta’ Departemental Nursing Manager jew Manager Nursing Services li kienu ngustament negati lilha fl-1994 wara li giet moghtija marki baxxi hafna f’interviews illi saru ghall-postijiet fuq imsemmija.

Irrizulta mill-provi li r-rikorrenti ilha nurse kwalifikata mill-1967 u saret ukoll Registered Nurse fir-Renju Unit mill-1968. Il-kwalifiki taghha huma ben deskritti f’Dokument A a fol 2 tal-process illi juri li ghandha wkoll edukazzjoni terzjarja fil-qasam tan-nursing. Gew esebiti l-marki illi ottjeniet ir-rikorrenti fid-diversi interviews illi saru bhala rizultat tac-cirkolari OPM circular MPO B11/29 u 30/94 bid-data 10 ta’ Ottubru 1994. Minn dawn jirrizulta illi r-rikorrenti marret hazin hafna u ma inghatatx il-pozizzjonijiet li applikat ghalihom.

Fil-kors tax-xhieda r-rikorrenti gabet bosta nurses, ex-Ministru kif ukoll Professur sabiex jixhdu dwar il-kwalitajiet taghha u dawn kollha kienu pozittivi fil-kummenti taghhom u ddiskrivew lir-rikorrenti bhala efficjenti hafna b’sens ta’ leadership u strumentali biex jiddahlu certi uzanzi godda u trattament gdid specjalment ghal dak illi jirrigwarda l-kliewi. Fil-fatt il-Professur Buhagiar a fol 37 jghid li Ms Dalmas kienet strumentali b’sens ta’ direzzjoni u dixxiplina “….jekk ma jkollokx dawn il-kwalitajiet ma tistax tintroducihom…ta’ ghajnuna kbira ta’ bastun kbir….” Ex studenti taghha ukoll irreferu ghaliha b’certa qima u rispett u kull meta jkollhom bzonn xi problema dejjem jirrikorru ghand Ms Dalmas. Ghalhekk it-Tribunal ma ghandu l-ebda dubju illi mehud in konsiderazzjoni il-kwalifiki tar-rikorrenti, ghandha wkoll relazzjonijiet inter-personali tajbin hafna kemm mal-kollegi taghha u kemm mal-pazjenti.

Pero` t-Tribunal irid izomm quddiem ghajnejh il-gurisprudenza illi gabret hija stess fejn jirrigwarda l-ghoti ta’ marki baxxi. Fil-kawza Joseph Cassar vs CGMO et

(478/97) inghad “biex tigi pruvata ingustizzja a tenur tal-Kap 94 huwa necessarju illi jigi pruvat illi sar apprezzament zbaljat fil-kors ta’ l-ghazla liema ghazla affettwat lir-rikorrent ingustament…” L-istess inghad fil-kaz Joseph Bartolo vs Korporazzjoni Enemalta deciza minn dan it-Tribunal fit-28 ta’ Novembru 2002 fejn it-Tribunal ikkonkluda li mhux bizzejjed tipprova l-allegazzjoni ingusta tal-marki izda trid ukoll issir il-prova li sar apprezament zbaljat mill-bord ezaminanti.

Ikkunsidra

Illi minkejja l-prova ta’ l-efficjenza u l-kompetenza tar-rikorrenti din ma gabitx prova illi sar apprezament zbaljat mill-bord ezaminanti. Veru li hadd mill-intimati ma gabu xi provi u l-Kummissjoni invokat favur taghha il-protezzjoni li taghtiha l-Kostituzzjoni biex ma taghtix informazzjoni dwar l-apprezzamenti taghha. Fuq dan it-Tribunal ma jistax jissindika, pero` xorta jibqa’ l-fatt illi minkejja illi gie pruvat l-allokazzjoni probabilment b’mod ingust, tal-marki ma saritx il-prova ta’ l-apprezament zbaljat mill-bord u ghalhekk fuq l-isfond ta’ din il-gurisprudenza t-Tribunal ma jistax jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti. Dan qed jinghad pero` mhux biex jintefa xi dell fuq il-kapacitajiet taghha illi dwarhom it-Tribunal m’ghandu l-ebda dubju, pero` ghal fini ta’ din il-kawza t-Tribunal ihoss illi ma saritx il-prova necessarja ta’ l-apprezament zbaljat mill-bord ta’ l-ezaminaturi. B’dan in-nuqqas l-attrici ma jistax ikollha success ghat-talba taghha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrenti. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------